MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 997/2001/1

**Citaz Nru: 997/01 JA.**

**Kevin Mallia u martu Susan Mallia.**

**-vs-**

**Mark Micallef u l-Avukat Dottor Doreen Clarke bhala mandatarja tal-assenti Elizabeth Micallef, mart l-istess Mark Micallef u b' digriet tat-13 ta' Mejju, 2002 Dr. Victor Scerri u l-P.L. Victor Bugeja gew nominati kunraturi biex jirrapresentaw lill-istess assenti Elizabeth Micallef.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fl-1 ta' Gunju, 2001 li permezz tiehu l-atturi ppremettew:

Illi permezz tal-konvenju datat 8 ta' Novembru, 1999, il-konvenuti
obbligaw ruhhom li jbieghu, jassenjaw u jitrasferixxu lill-atturi kumpraturi li obbligaw ruhhom li jixtri u jakkwistaw razzett bl-art mieghu maghruf bhala Tax-Xatba, kontrada tal-Bahrija fil-limiti tar-Rabat, Malta tal-kejl ta' circa hames mija u tnejn u sittin metri kwadri (526 mk) soggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' ghoxrin Lira (Lm20) (Dok. A);

Illi fuq l-istess konvenju, l-atturi ddepozitaw mal-konvenuti s-somma ta' elfejn Lira (Lm2,000) (Dok.A);

Illi permezz ta' skrittura ohra tas-6 ta' Marzu, 2000 (Dok. B), filwaqt li l-partijiet ghamlu riferenza ghall-konvenju fuq imsemmi, u kif ukoll ikkonfermaw il-kontenut tieghu, il-konvenuti regghu intrabtu li jroddu lura d-depozitu fuq imsemmi u l-ispejjez kollha konnessi mal-hrug tal-permessi ghall-imsemmi razzett f' kaz li dawn il-permessi jigu michuda mill-awtorita' kompetenti u dan fiz-zmien gimghatejn minn meta tohrog ir-risposta ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar;

Illi permezz ta' avviz tal- ta' marzu, 2001 (Dok. C) l-Awtorita' ta' l-Ippjanar avvzat lill-atturi li hi kienet sejra tirrakkomanda li l-applikazzjoni fuq l-art in kwistjoni ghandha tigi michud u dan ghal diversi ragunijiet. Permezz ta' avviz datat 8 ta' mejju, 2001 (Dok. D), l-istess Awtorita' avvzat lill-atturi li l-applikazzjoni ghall-izvillup giet michuda;

Illi l-atturi avvzaw b' dan lill-konvenuti u talbuhom sabiex fiz-zmien stipulat jirrifondulhom id-depozitu u jhallsuhom ghall-ispejjez li wehdu in konnessjoni mal-konvenju u ma' l-applikazzjoni ghall-izvillup tal-fond in kwistjoni, inkluz dawk tal-perit u li jammontaw ghal tlett mija u sebgha u hamsin Lira u disgha u ghoxrin centezmu (LM357.29);

Illi minkejja li l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu, kemm permezz ta' ittra interpellatorja u kif ukoll ta' ittra gudizzjarja tal-4

ta’ Mejju, 2001, il-konvenuti baqghu inadempjenti. Ghalhekk, din l-Onorabbli Qorti giet mitluba tohrog mandat ta’ sekwestru kontra l-konvenuti in kawtela tal-ammont dovut lill-atturi u ghalhekk ukoll kellha ssir din il-kawza.

Ghalhekk jitolbu lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tikkundannahom jirrifondu lill-atturi s-somma ta’ elfejn Lira (Lm2,000) imhallsa lilhom fuq il-konvenju kif fuq intqal, u dan peress li l-att finali ta’ trasferiment ma’ setghax isehh ghar-ragunijiet premessi.

2. Tikkundannahom ihallsu lill-atturi s-somma ta’ tlett mija u sebgha u hamsin Lira u disgha u ghoxrin centezmu (Lm357.29) spejjez li wehhlu l-atturi in konnessjoni mal-konvenju u l-applikazzjoni hall-izvillup kif fuq intqal.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra bonarja tal-11 t’ April, 2001, ta’ l-ittra gudizzjarja tat-2 ta’ mejju, 2001 u tal-mandat ta’ Sekwestru, u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li huma minn issa (sic) inhunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi mahlufa minn Kevin Mallia fl-1 ta’ gunju, 2001 u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-Avukat Dr. Doreen Clarke mandatarja ta’ l-assenti Elizabeth Micallef pprezentata fit-2 t’ Ottubru, 2001 li permezz taghha eccepiet:

1. Illi hija mhix il-legittima kuntradittrici stante li hija mhix mandatarja ta’ Elizabeth Micallef u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom

jigu michuda bl-ispejjez stante li Elizabeth Micallef mhix debitrici ta’ l-attur fl-ebda ammont.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-Av. Dr. Doreen Clarke mahlua fit-2 t’ Ottubru, 2001 u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenut Mark Micallef ma pprezentax nota ta’ l-eccezzjonijiet u kwindi baqa’ kontumaci.

Rat illi eventwalment l-atturi talbu n-nomina ta’ kuraturi deputati minflok l-assenti Elizabeth Micallef.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati pprezentata fil-31 ta’ Mejju, 2002 li permezz taghha ecceppew:

1. Illi huma m’ humhiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din l-azzjoni u jitolbu lill-atturi jtuhom l-indirizz tal-patrocinat taghhom.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkun il-kaz.

Rat id-dikjrazzjoni tal-kuraturi deputati u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavit ta’ l-attur.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 t’ Ottubru, 2003 li permezz taghha il-konvenuti kuraturi deputati ddikjaraw illi ma’ rnexxilux jikkomunika ma’ l-assenti u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-unika prova f’ din il-kawza hija x-xhieda ta’ l-attur li fiha kkonferma li hu u martu ghamlu konvenju mal-konvenuti li pero’ ma’ giex segwit b’ kuntratt. Kien hallas elfejn Lira (Lm2,000) bhala depozitu u ghamel erbgha

mija u tletin Lira (Lm430) spejjez ohra inkluzi tan-Nutar. Ghalhekk qed jitlob li jithallas is-somma

ta’ Elfejn, erbgha mija u tletin Lira (Lm2,430.00). Ta’ min pero’ jghid li fic-citazzjoni hu talab komplessivament elfejn tlett mija u sebgha u hamsin lira, disgha u ghoxrin centezmu (Lm2,357.29) u naturalment il-Qorti ma’ tistax takkordalu iktar milli talab. Mill-bqija pero’ t-talba mhiex kontradetta.

Fir-rigward ta’ l-ispejjez, Dottor Doreen Clarke giet citata inutilment u ghalkemm wara l-attur irregola u issana l-posizzjoni, certament li l-ispejjez ta’ Dottor Clarke ghandhom jigu sopportati minnu.

**Ghaldaqstant il-Qorti ghar-ragunijiet premessi, tilqa’ t-talbiet ta’ l-atturi u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma komplessiva ta’ elfejn tlett mija u sebgha u hamsin Lira u disgha u ghoxrin centezmu (Lm2,357.29) lill-atturi, bl-ispejjez ta’ l-Av. Dr. Doreen Clarke jigu sopportati mill-atturi fil-waqt li l-kumplament ta’ l-ispejjez jigu sapportati mill-konvenuti, b’ dan li provizzorjament id-drittjiet tal-kuraturi deputati jithallsu mill-attur.**

Moqrija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------